Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 116 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Elton Taliana

Vs

Matthew Barbara

Illum 13 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Matthew Barbara detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 434091M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-9 ta' Lulju, 2010 ghall-habta tal-04:50hrs, fi Triq John Houel, Naxxar:

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi trasguragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Rosianne Azzopardi;

2. Ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni FBD 593 ghad-dannu ta' Dolores Galea, liema hsara tkun izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu €1, 164.69;

3. Saq motor-car jew vettura ohra tal-ghamla Mitsubishi, bin-numru ta' registrazzjoni KBM 392 b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b' mod perikoluz;

4. Saq vettura tal-ghamla Mitsubishi, bin-numru ta' registrazzjoni KBM 392 u ecceda l-limitu ta' velocita' skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li semghet lill-imputat jiddikjara li m' ghandux oggezzjoni li jghamel xoghol fil-komunita' u hi tal-fehma li sentenza ta' prigunerija m' hiex adatta ghac-cirkostanzi attwali, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 u bla pregudizzju ghall-Artikolu 14 tal-Kap 446, poggiet lill-imputat taht ordni ta' servizz fil-komunita' ghall-tlett mija u hamsin siegha. Ikkundannatu €80 multa fil-konfront tal-L.S. Ordnat li jhallas l-ispejjez kollha ghan nomina tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9. Ordnat il-konfiska tal-vettura Mitsubishi numru ta' registrazzjoni KMB 392 u fuq l-iskorta tal-Artikolu 15 (2) tal-Kap 65 skwalifikat l-imputat li jottjeni licenza tas-sewqan jew ikollu tali licenzja ghall-perjodu ta' tlett xhur mill-lum. Ghar-rigward danni konnessi mal-kaz u dovuti mill-imputat tali jinsabu risarciti mill-assikurazzjoni.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu;

2. Tikkonfermaha wkoll fil-partijiet fejn ikkundannat lill-appellat ghal 350 siegha servizz fil-komunita', multa ta' Eur. 80, u fejn ordnat il-konfiska tal-vettura; u

3. Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn issospendiet il-licenzja tas-sewqan ta' l-appellat ghal tliet (3) xhur, u minflok tissospendiha ghal perjodu itwal li jkun proporzjonali ghall-gravita' tal-kaz u l-konsegwenzi tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti:

Illi fis- 7 ta' Marzu, 2017 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament zbaljata meta ssospendiet il-licenzja ta' l-appellat ghal tliet (3) xhur biss — u cioe' ghall-minimu assolut stabbilit mill-ligi.

Illi ghall-fini ta' kjarezza, l-esponent m' huwiex qieghed jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti poggiet lill-appellat taht ordni ta' servizz fil-komunita' ghal tliet mija u hamsin (350) siegha. Gjaladarba l-Ewwel Onorabbli Qorti deherilha li m' ghandhiex timponi sentenza karcerarja effettiva u li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ordni ta' servizz fil-komunita' kienet tkun aktar ta' gid ghall-appellat u ghas-socjeta' in generali milli sentenza ta' prigunerija sospiza, l-esponent appellant jirrispetta dak l-apprezzament ta' l-istess Onorabbli Qorti. Pero', tenut kont l-istess fattispecie tal-kaz, is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tliet (3) xhur biss, certament li ma tirrispekkjax il-gravita' tal-kaz.

Illi kif ser jigi amplifikat fit-trattazzjoni orali ta' dan l-umli appell, dan ma kienx xi ncident sfortunat. Dan ma kienx xi ncident fejn, per ezempju, xufier aljena rasu ghal ftit sekondi u kkawza ncident. Dan kien kaz fejn persuna (l-appellat Matthew Barbara) li kienet ghadha kemm ottjeniet il-licenzja tas-sewqan taghha ftit jiem biss qabel, minflok ma ezercitat aktar kawtela u kura fis-sewqan taghha tenut kont l-inesperjenza taghha fis-sewqan, riedet 'turi kemm taf' quddiem habib taghha, fejn, fis-sieghat bikrin ta' filghodu u waqt li fil-kontroll ta' vettura kbira, tqila, u b' cilindrata qawwija (Mitsubishi Pajero), saqet b' velocita ta' xejn anqas minn mija u hames kilometri fis-siegha (105 km/hr), li sahansitra daret liwja fit-triq bl-istess velocita! Dana bil-konsegwenza li harget kompletament mill-lane taghha u habtet head-on ma' vettura li kienet qeghdha tinstaq ghall-affari taghha u b' mod prudenti minn persuna ohra (Rosianne Azzopardi) li maghha kellha tarbija. Dana bil-konsegwenza tragika li din il-persuna, u cioe' Rosianne Azzopardi, tilfet hajjitha fuq il-post. Mirakolozament, it-tarbija li kellha maghha fl-istess vettura ma sofriet ebda griehi.

Illi, bid-dovut rispett, f' tali cirkostanzi fejn evidentement non si tratta ta' ncident frott mizattenzjoni leggera, izda ta' "qziez" — fejn l-appellant li kien ghadu kemm gab il-licenzja tas-sewqan tieghu jidher li ried juri lil siehbu passigier mieghu kemm kien xufier tajjeb — is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-minimu stabbilit mill-Artikolu 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Liijiet ta' Malta, fl-umli fehema ta' l-esponent, tammonta ghal serious error or judgment da parti ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, u hija manifestament sproporzjonalment imtaffijja ghac-cirkostanzi tal-kaz, fejn persuna nnocenti tilfet hajjitha. Bid-dovut rispett, fejn il-gustizzja mhux biss trid issir imma trid ukoll tidher li qeghdha ssir, ghandu jinghata aktar valur ghall-hajja umana. L-esponent m' huwiex ifittex l-hekk imsejjha pound of flesh u fil-fatt mhux qieghed ifittex tibdil fil-piena. Pero', dejjem bid-dovut rispett, il-qrati taghna ghandhom jipprotegu lic-cittadini onesti u prudenti. F' dan il-kaz, persuna li kienet qed issuq ghall-affari taghha b' mod prudenti u meqjus tilfet hajjitha frott il-qziez, immaturita', u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-appellat. F' tali cirkostanzi s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-minimu

stabbilit mill-ligi la taghmel gid lill-appellat u wisq u wisq anqas ma taghmel gustizzja mal-vittma u ma tipprotegi lis-socjeta' in generali.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat u dan biss fejn l-Ewwel Qorti ordnat illi l-licenzja tas-sewqan ta'l-appellat tkun sospiza ghal perijodu ta' tlett xhur. Jishaq l-Avukat Generali illi l-piena komminata mill-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha fejn qieghdet lill-appellat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' kienet wahda gusta, izda dehrlu illi b'applikazzjoni ma' dik il-piena l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta'l-appellat kellha tkun ghal perijodu itwal minn tlett xhur minimu preksritt fil-ligi tenut kont tac-cirkostanzi li fih sehh is-sinistru stradali mertu ta' dan il-kaz.

Issa l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjoni ta' dritt huwa taht il-lenti ta' dan l-appell, jimponi fuq il-Qorti illi fid-decizjoni taghha, meta l-kundanna tkun titratta sewqan bi traskuragini kbira jew b'mod perikoluz, b'zieda mal-piena l-hati ghandu jigi skwalifikat milli jikseb jew izomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux anqas minn tlett xhur f'kaz ta'l-ewwel kundanna bhal dik.

Issa l-Qorti kellha necessarjament tezamina l-fattispecje ta' dan il-kaz sabiex tara jekk is-sewqan tal-appellat kienx jidhol fil-paramteri imfassla fis-subiniciz 2 ghall-artikolu 15 u allura sabiex ukoll tqies jekk il-perijodu ta' skwalilfika ghal minimu preskritt erogat mill-Ewwel Qorti, ghalkemm jirrientra fil-parametri tal-ligi, kienx gust u jirrispekkjax il-fattispecje tal-kaz.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tghid illi dan is-sinistru stradali kien jigi evitat li kieku l-appellat, sewwieq li kien ghadu kemm ottjena il-licenzja tas-sewqan u li allura ma kienx ghadu konfidenti fit-triq, adopera l-prudenza fis-sewqan tieghu. Dan ma ghamlux, izda minflok ghazel, forsi sforz il-mohh imtajjar u immatur taz-zghozija, li isuq b'mod ghal kollox bla kont, u perikoluz b'velocita eccessiva ta' 105 kilometru fis-siegha u dan meta kien qed javvicina liwja fit-triq. B'dan is-sewqan il-vettura misjuqa mill-appellat inbiddlet f'arma letali, arma li sfortunatament f'dan il-kaz wassal sabiex persuna tillfet hajjitha. Irid jinghad ukoll illi dana l-agir wassal mhux biss ghal telfien ta' hajja umana, izda ikkaguna "hardship" fuq il-familja ta' din l-

omm zaghzugha li mietet hekk hesrem li spiccaw imghobbija bil-pis li irabbu tarbija zghira minghajr l-omm, liema tarbija dak in-nhar kienet ukoll mal-vittma fil-vettura, izda li fortunatament ma indarrbitx. Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' x'kienet ix-xewqa tal-parti leza f'dan il-kaz, xewqa li ma kenitx wahda illi twassal ghal rovina tal-hajja ta'l-appellat billi ma saritx insistenza illi dan jispicca l-habs biex ihallas ghall-izball tieghu, izda kienet tali illi kellha isservi ta' lezzjoni ghall-appellat bil-hsieb ukoll illi huwa ma jergax juza l-vettura tieghu sabiex iwegga lil terzi persuni. Dan billi jigi imcahhad milli isuq ghal perijodu itwal ta' zmien biex b'hekk meta jerga' jintenta juza t-toroq ghas-sewqan ma ikunx ta' perikolu ghal haddiehor. Illi minn dak mistqarr mid-difensur ta'l-appellat stess jidher illi din l-esperjenza kienet wahda qarsa ghall-appellat illi gharaf l-izbalji tieghu tant illi ghalkemm il-perijodu ta' tlett xhur erogat mill-Ewwel Qorti ghadda matul il-mori ta' dan l-appell, madanakollu huwa ghadu ma regax saq vettura ohra. Illi b'lealta fil-fatt l-appellat jidher illi qabel ma'l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-Avukat Generali.

Din il-Qorti ghalhekk tqies illi meta is-sewqan bla kont u perikoluz iwassal ghal telfien ta' hajja umana, il-piena erogata ghandha tkun wahda iebsa sabiex tirrifletti l-konsegwenzi ta' agir irrisponsabbli u sahansitra egoist fejn f'dan il-kaz is-sewwieq sabiex juri is-sahha tieghu fuq it-triq  pogga il-hajja ta' terzi fil-perikolu u sahansitra wassal ghal qirda taghha. Illi ghalkemm jidher, f'dan il-kaz, illi l-appellat tghallem il-lezzjoni ghalkemm bi prezz oghli hafna, madanakollu din il-Qorti ser tara illi huwa ma jergax ikun ta' perikolu la ghalih innifsu u lanqas ghal haddiehor sakemm ikun matur bizzejjed biex jara illi s-sewqan tieghu jkun wiehed prudenti u b'harsien lejn ir-regoli tal-komportament mistennija minn kull sewwieq.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Generali qed jigi milqugh, tghaddi biex tikkonferma id-decizjoni impunjata fejn din sabet htija fl-appellat ghar-reati lilu addebitati, tikkonferma ukoll il-piena inflitta u dan fejn l-appellat tpogga taht ordni ta' Servizz fil-Komunita, izda tvarja il-perijodu ta' zmien impost ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan a tenur ta'l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta  u minflok dik ta' tlett xhur, tordna illi l-appellat ghandu jigi skwalifikat milli jikseb jew

ikollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett snin, liema perijodu ghandu jibda jidekorri mill-1 ta' Marzu 2017.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur